Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 125/15/1

**Roger Borg u Yvonne Borg (appellati)**

**vs**

**Claire Bonnici gia Borg (appellanti)**
**u zewgha Matthew Borg**

16 ta' Ottubru, 2018.

1. L-atturi harrku lill-konvenuti fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u talbu li jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' ghaxart elef erba' mija u tnejn u tmenin ewro (€10,482), imghax skont skrittura ffirmata bejn il-kontendenti, bl-ispejjez u imghax mid-data meta l-pagament kien dovut.

2. Fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2015 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), il-konvenut informa lill-qorti li xtaq jammetti t-talba.

3. Il-konvenuta wiegbet li: (i) kienet regghet hadet kunjom xbubitha kif kien jirrizulta mic-certifikat anness Dok. CB1; (ii) il-kunsens taghha ghall-firma tal-iskrittura in kwistjoni ma kienx jiswa, in vista fost ohrajn, tal-Artikolu 974 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) is-somma li fuqha kien qed jintalab l-imghax ma kienetx verament inghatat bhala self; (iv) l-intimat Matthew Borg wahdu kellu jinzamm responsabbli ghall-hlas ta' imghax ghaliex dik is-somma kienet giet mghoddija lilu u l-intimata appellanti qatt ma kienet ibbenifikat minnha; (v) l-intimat kien ukoll unikament responsabbli in vista ta' dak li tipprovdi l-ligi, ukoll fost ohrajn l-Artikoli 1326(4), 1326(5) u 1331(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (vi) fil-kaz li l-Qorti tiehu in konsiderazzjoni li tenut kont tal-kundizzjoni numru 3 ta' dik l-iskrittura, l-ammont mhux dovut, hi ma kellhiex titqies bhala responsabbli ghall-hlas ta' l-imghax pretiz; u dan salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra r-rikorrenti appellati u/jew l-intimat.

4. B'sentenza tal-25 ta' Settembru, 2017 il-Qorti tal-Magistrati (Malta), cahdet l-eccezzjonijiet u laqghet it-talbiet tal-atturi u kkundannat lill-konvenuti, *in solidum*, sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' ghaxart elef erba' mija u tnejn u tmenin ewro (€10,482).

5. Fil-5 ta' Ottubru, 2017 il-konvenut appellat mis-sentenza. L-aggravji jkunu li:

i. Is-sentenza naqset milli tqies fatti li kienu rilevanti li jikkonfermaw li l-imghax kien thallas permezz ta' tpacija, billi sar trasferiment ta' investimenti mill-konvenut l-iehor matul iz-zwieg. Dwar dan ma ssemma xejn fis-sentenza.
ii. Fl-allegat self l-appellanti ma kinitx involuta, u kienet giet imgieghla tiffirma l-iskrittura. Jekk hemm xi ammont dovut dan ghandu jithallas biss mill-konvenut.

6. L-atturi wiegbu li s-sentenza tal-ewwel qorti hi gusta u l-appell ghandu jkun michud.

**<u>Skrittura privata (Frar, 2005) a fol. 3.</u>**

Il-konvenuti ffirmaw skrittura privata li fiha ddikjaraw li kienu rcevew self minghand l-atturi fl-ammont ta' Lm30,000 u obbligaw ruhhom li jhallsu l-imghax b'rata ta' 5% fis-sena. Fiha jinghad ukoll, li *"The repayment of loan of Lm30,000 or any part of thereof* ***is at the discretion of the Receiver****"*, cjoe' l-konvenuti. Ghaldaqstant, b'dik l-iskrittura gie garantit favur l-attur li sakemm jithallsu lura l-flus, ihallsu lill-atturi imghax ta' tlett elef erba' mija u erba' u disghin ewro (€3,494) kull sena.

**<u>Sentenzi tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar</u>**.

Diga' hemm zewg sentenzi tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar, wahda tal-24 ta' Frar, 2012 (**Roger Borg et vs Claire Borg et**, Avviz numru 734/2008) u ohra tad-29 ta' Ottubru, 2014 (**Roger Borg et vs Claire Borg et**, Avviz numru 782/2012) li bihom il-konvenuti kienu kkundannati jhallsu l-imghax ghas-snin 2005 sal-2012.

**<u>L-ewwel aggravju.</u>**

7. Quddiem l-ewwel qorti ma nghatat l-ebda eccezzjoni f'dak is-sens. Hu minnu li fin-nota ta' sottomissjonijiet kien sar dak l-argument (ara pagna 15).[1] L-appellanti targumenta li kien hemm provi cari li:

*"... l-atturi rcevew assi li fuqhom baqghu jircievu dividends ghal numru ta' snin shah, liema assi eventwlament inbieghu fis-suq, bir-rikavat imur favur l-atturi, b'total li jeccedi s-somma kapitali li fuqha qed jintalab l-imghax f'din il-kawza, liema self kellu ghaldaqstant jitqies li gie estint mill-mument li fis-sena 2006, il-konvenut Matthew Borg kien ghadda lil missieru l-ishma in kwistjoni".*[2]

---

[1] Fin-nota ta' sottomissjonijiet qalet: *"1. Dak pretiz mill-atturi m'ghandux jitqies li hu verament proponibbli bhala imghax fuq self peress li effettivament is-somma kapitali in kwistjoni kienet giet mghoddija lill-konvenut Matthew Borg minghand l-atturi qabel ma kienet saret ebda skrittura ta' allegat self".*
[2] Fol. 10.

8. Madankollu, kull avukat suppost jaf li eccezzjonijiet iridu jinghataw permezz ta' twegiba fil-bidu tal-proceduri u mhux izommhom fil-komma ghan-nota ta' sotomissjonijiet. M'ghandux ikun li jitqajmu eccezzjonijiet godda fl-istadju meta jkun diga' inghalaq il-gbir tal-provi. Lanqas m'ghandu jkun li l-qorti tifli l-provi u tqajjem *ex officio* eccezzjonijiet godda fil-meritu. Irrispettivament mill-provi li setghu tressqu, fil-meritu l-qorti kellha tiddeciedi t-talba tal-appellati a bazi tal-eccezzjonijiet li kellha quddiemha u mhux toqghod tfittex difiza li l-konvenuta qatt ma pproponiet.

9. Ghaldaqstant, l-aggravju hu michud.

**<u>It-tieni aggravju.</u>**

10. Il-konvenuta ssostni li s-self kien gie negozjat u attwat bejn l-atturi u l-konvenut l-iehor, u qatt ma kienet parti mill-ftehim ta' self. Ziedet li kienet giet sfurzata tiffirma dak li kien hemm diga' ftehim dwaru. Ghalhekk ir-responsabbilta hu ta' zewgha.

11. Ma jidhirx li hemm kwistjoni li l-flus inghataw fiz-zmien meta l-konvenuti kienu mizzewwgin u allura kien hemm il-komunjoni tal-akkwisti. Bl-iskrittura li ffirmat il-konvenuta, semmai giet li rratifikat dak li kien ircieva zewgha. Hu rrilevanti ghal x'hiex intuzaw il-flus li gew mislufa. Jibqa' l-fatt li s-self sar waqt iz-zwieg u l-konvenuta ffirmat l-iskrittura ta' Frar, 2005.

12. Hemm imbaghad id-difiza li l-kunsens taghha fuq dik l-iskrittura kien vizjat bi vjolenza li wettaq fuqha zewgha. Fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 2017 spjegat il zewgha kien sfurzaha tiffirma l-iskrittura:

*"Ghax jien kont ghidtlu illi jiena ma kontx qed naqbel ma' dak li kien hemm miktub, u beda jghidli li kont ingrata u whatever, u gejt imrassa mal-hajt li kien hemm fil-kcina, dak li nista' niftakar. U dak iz-zmien jiena I was more than 5 months pregnant, u ddecidejt illi I better sign".*

13. L-appellanti ssostni li kellha kull dritt li taghti eccezzjoni li l-kunsens taghha fuq l-iskrittura kien vizjat. F'dan il-kuntest ghamlet riferenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla fil-kawza ***Higgans et nomine vs Joseph Galea*** tat-13 ta' Gunju 1997, fejn intqal li eccezzjoni ta' nullita li tohrog mil-ligi, tista' titqajjem ukoll f'eccezzjoni. Madankollu, li qeghda tinsa l-appellanti hu li l-kawza saret fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-valur tal-kuntratt kien Lm30,000 (€69,881). Ghalhekk gialadarba l-valur tal-kuntratt jezorbita mill-kompetenza tal-ewwel qorti, dik il-qorti ma setgħetx tistharreg il-validita tal-kuntratt li ffirmat l-appellanti u li jifforma l-bazi tal-azzjoni tal-atturi. Kien f'dak il-kuntest li din il-qorti fehmet l-osservazzjoni tal-ewwel qorti li, *"dina l-Qorti ma hijiex il-forum idoneju sabiex jigi attakkat il-validita' o meno tal-ftehim"*.

14. F'kull kaz l-atturi taw verzjoni ghal kollox differenti minn dik li tat il-konvenuta.

15. Ir-riferenza ghal subincizi (4) u (5) tal-artikolu 1326 tal-Kodici Civili m'humiex rilevanti. Jekk ghall-grazzja tal-argument biss dak li qalet l-appellanti ghandu mis-sewwa, jibqa' l-fatt li rratifikat dak li ghamel zewgha meta ffirmat l-iskrittura ta' Frar, 2005. Dan apparti li ma jirrizultax li l-appellanti hadet passi gudizzjarji biex jigi annullat dak li fil-fatt qeghda tghid li zewgha ghamel minn wara darha, cjoe' s-self.

16. Fir-rikors tal-appell saret ukoll riferenza ghas-sitt (6) eccezzjoni. Klawzola 3 tal-iskrittura tipprovdi:

    *"3. If the receiver/s decide not to pay back the loan or any part thereof, the whole sum or any part of the remaining balance, will be deemed to be part of their inheritance, as the case may be, after the passing away of the last survivor"*.

    Skont l-appellanti dik il-klawzola qeghda taghti lok ghall-possibilta li l-kapital mhuwiex iktar dovut. Il-qorti ma taqbilx. Il-qorti tifhem dik il-klawzola fis-sens li jekk sad-data tal-mewt tal-atturi is-somma ta' Lm30,000 tkun ghadha ma thallsitx, allura il-bilanc li jkun ghad fadal jonqos mis-sehem tal-wirt tal-atturi.

17. Ghaldaqstant tichad it-tieni aggravju.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.